MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 448/2002

Avviz Nru:- 448/02DM

Patricia Camilleri u zewgha l-Onorevoli Imhallef Dottor Gino Camilleri

vs

L-Avukat Dr Renzo Porsella Flores LLD nominat b'digiriet tal-5 ta' Awissu 2002 kuratur deputat sabiex jirrapresenta l-interessi tas-socjeta kummercjali estera BWS TRADING LLC

Il-Qorti,

Rat l-avviz, permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-kumpanija konvenuta sabiex tizgombra fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha iffissat minn din il-Qorti mill-appartament bin-numru 172, Flat 1, 'Eaton Place' fi Triq it-Torri gewwa Tas-Sliema, u sabiex thallas is-somma ta' elfejn u mitt lira Maltin (Lm2,100) rappresentanti kera

dovuta ghall-iskadenza ta’ l-1 ta’ Frar, 2002 u li jigi ddikjarat li l-istess lokazzjoni hija tterminata skond it-termini tal-iskrittura ta’ lokazzjoni datata 4 ta’ Gunju, 2001 annessa u immarkata Dokument ‘PC1’ stante illi l-istess socjeta konvenuta kisret il-kondizzjonijiet tal-imsemmija skrittura in konnessjoni ma’ morosita’ fil-hlas tal-kera.

Ai fini ta’ kompetenza l-kera annwali hija ta’ Lm4,200.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv u bir-rappresentanti tas-socjeta konvenuta ngunti ghas-subizzjoni.

Salv kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa illi:

1 Din il-Qorti mhix kompetenti skond l-art. 741 u 742 tal-Kap 12 billi s-socjeta konvenuta hija barranija;
2 Bla pregudizzju l-fatti tal-kawza mhux maghrufa bizzejjed biex it-talbiet attrici jkunu kontestati:
3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Novembru 2002 fejn il-konvenut, in vista tad-deposizzjoni tal-attur, rtira l-ewwel eccezzjoni preliminari u ghalhekk ma tiehux konjizzjoni ulterjuri taghha;

Semghet lill-attur bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kuntratt ta lokazzjoni tal-4 ta Gunju 2001, esibit bhala Dok PC1 a fol. 2 ta process, ikkonfermat bil-gurament mill-attur, jipprovdi, fil-hames paragrafu tat-tieni pagna, li :

*“Should Lessee fail to pay the rent within (2)  two weeks of the due date, the Lessor will have the right to rescind this Agreement withour warning ‘ipso jure’ and this without prejudice to his claims for payment of the amount which is still due”.*

Mill-provi prodotti, li ma gewx ikkontestati mill-konvenuti, jirrizulta illi l-konvenuti hallsu biss il-kera li skadiet sal-31 ta Jannar 2002 u li ma hallsux il-kera ta sitt xhur bil-quddiem li saret dovuta fl-1 ta Frar 2002, ammontanti bir-rata ta LM350 fix-xahar, ghas-somma ta elfejn u mitt lira Maltin (LM2100) li l-atturi qed jitolbu f’dawn il-proceduri.

Evidentement, sal-prezentata ta din il-kawza fil-5 ta Lulju 2002, kienu skadew ampjament il-gimghatejn previsti mic-citat artikolu tal-kuntratt ta lokazzjoni u l-kera baqghet ma thallsetx. Ghalhekk il-kundizzjoni prevista mill-kuntratt ta lokazzjoni ghar-rexissjoni tieghu avverat ruhha u l-atturi huma ghalhekk gustifikati li jitolbu t-terminazzjoni ta’l-istess lokazzjoni.

Ghaldaqstant tilqa t-talbiet attrici u, fil-waqt li tiddikjara illi lokazzjoni tal-appartament numru 1, fil-blokk 172, “Eaton Place”, Triq it-Torri, Sliema, miftehma bejn il-kontendenti fl-4 ta Gunju 2001, hija xjolta u tterminata, tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-atturi somma ta LM2100 (elfejn u mitt lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali mill-5 ta Lulju 2002, u tikkudannahom sabiex fi zmien hmistax (15) il-jum mill-lum jizgumbraw mill-imsemmi appartament.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti

.

……………………………..
Magt. Dr D Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia